MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Numru. 315/2001
Kawza Numru. 65

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**David Zerafa iben Joseph u Carmela nee` Saliba li joqghod Nru 70, Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita` Numru 11374 (G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fid-29 t' April 2001 ghall-habta tal-12:15pm fis-Sannat Ghawdex,

1. Hebb ghall-ibnu Alessio ta’ *omissis* snin

2. Aktar talli hedded bil-kliem “naghtik zewg tiri go rasek” lil Carmel Zammit mis-Sannat.

3. Aktar talli hedded bil-kliem lil martu Clemia u lill-familja taghha sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilhom hsara,

4. Aktar talli fl-istess data hawn imsemmija ghall-habta ta’ xi 2.30 p.m. fi u magenb ir-residenza tieghu fin-Nadur hedded lil xi membri tal-Pulizija waqt il-qadi ta’ dmirijiethom sabiex jinfluwixxi fuqhom jew ibezzaghhom, kontra l-ligi minhabba li kienu ghamlu dak is-servizz,

5. Aktar talli fid-29 t’ April 2001 fin-Nadur ghall-habta tas-2.30 p.m. qal kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku

6. Fl-ahhar talli fid-29 t’ April 2001 u fit-tlett xhur ta’ qabel zamm jew kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar senter ‘single barrel’ minghajr numru tar-registrazzjoni u minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, liema senter kienet irregistrata f’isem Carmel Zammit idno ID 12641(G) mis-Sannat, Ghawdex.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi l-ewwel akkuza ma tirrizultax sodisfacentement pruvata u ghalhekk ma ssibx lill-imputat hati taghha u tilliberah;

Issib, izda, lill-imputat hati ta’ l-akkuzi l-ohra;

Wara li rat l-artikoli 339(1)(d), 338(ee) (bb) Kap 9 u 3(1) tal-Kap 66;

Stante li l-Qorti hija tal-fehma illi l-arma de quo ma kienetx mizmuma sabiex isir bejgh jew traffikar iehor, tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ mitt Lira Maltin (Lm100) komplessivament.

Tordna l-konfiska ta’ l-arma esebita.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------